**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun
Citta` Beland

**Laqgħa Nru. 12/18**
**Data:** It-Tnejn, 5 ta' Novembru 2018
**Ħin:** 6:25 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku (Mis-7:50pm)
Claude Camilleri - Kunsillier (Sas-7:50pm)
Dorcas Camilleri - Kunsillier (Sad-9:00pm)
Joan Agius - Kunsilliera
Joseph Hales - Kunsillier (Sat-8:30pm)
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-7:30pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużata** Amanda Abela

**AĠENDA**

**12.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
**12.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
**12.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**
**12.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**12.05** **Kont Bankarju APS**
**12.06** **Xogħolijiet**
**12.07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**
**12.08** **Affarijiet oħra; u**
**12.09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Sindku resqet għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv, għal estensjoni tal-leave sabiex jiġi trasferit mis-sena 2018 għal sena 2019 li jammonta għal 98 siegħa. Chircop ippropona filwaqt li Camilleri ssekonda. Il-Kunsill qabel nem.con

**12. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela A ma setghatx tattendi għal laqgħa minħabba xogħol (email annessa) | |

**12. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Camilleri C | Il-Minuti 11/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 12. 2. 2 | 11.05.02 | Joan Agius | Tiżdied li saret wirja sabiex tfakkar l-ewwel anniversarju mill-mewt tal-ex-Sindku Joe Attard | |
| 12. 2. 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**12. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12 2 5 | | Segretarju Eżekuttiv: Kont Bankarju | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposta sabiex jinfetaħ kont ma' bank ieħor. Il-Kunsill qabel unanimanet li għandu jinfetaħ mal-APS. | Segretarju Eżekuttiv / Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 2 | 6 | 11.02.12 | Agius: *Bus Shelters* | Agius staqsiet dwar fiex waslet l-applikazzjoni tal-*bus shelters.* Hales qali li saret applikazzjoni għall-14u fid-19 ta' Novembru ser issir laqgħa l-AKL. Agius staqsiet ukoll dwar il-*bus shelter* fi Triq il-Labour li dan għandu jiċċaqalaq minħabba xogħolijiet tal-kostruzzjoni li daqt jinbdew. Hales għandu jitkellem ma' TM dwar dan. | Hales |
| 12 | 2 | 7 | 11.11.12 | Agius: BIS San Girgor | Agius ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm skart li qed joħloq diffikulta' biex tintuża l-bankina u staqsiet jekk dawn hux ser jiġu rilokati. Is-Sindku qalet li qed niċċekjaw fejn l-aħjar jittopeġew jew jittneħew minn dik iż-żona. | Sindku |
| 12 | 2 | 8 | 11.02.11 | Sindku: Proġett taz-zuntier tal-knisja | Is-Sindku tkellmet mal-perit u informaha li l-proċess tat-tenders għalaq u l-proċess kien ser jibda ma jdumx. Tkellmet ukoll mal-gruppi tal-armar tal-knsija u mas-Soċjeta' Beland dwar it-toqo li jintużaw fil-festa. | Sindku |
| 12 | 2 | 9 | 11.03.02 | Sindku: Zebra Crossings fi Triq Luqa Briffa u Triq Delimara | Dwar il-proposta l-ġdida minn naħa ta' TM s- Sindku tkellmet ma' Hales u sar qbil li għandhom isiru proposti ġodda li jkunu jinkludu *pelican lights* . | Sindku |
| 12 | 2 | 10 | 11.08.01 | Sindku: *Re-surfacing* Vjal 25 ta' Novembru | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed tħejja d-disinn fejn qed tiġi kunsidrata l-għargħar u biex issir bankina. Qal ukoll li d-diskussjonijiet mal-entitajiet l-oħra saru wkoll. | Sindku / Segretarju Eżekutiv |
| 12 | 2 | 11 | 11.02.08 | Agius: *Animal Building Activity* | Agius infurmat lill-Kunsill li l-Kids Club ħadu sehem fil-parata li saret mill-V18 fil-Belt Valletta fejn ukoll ħadu sehem għaqdiet oħra fejn kien hemm madwar 200 parteċipant miż-Żejtun. | Agius |
| 12 | 2 | 12 | 11.09.01 | Sindku: *Tenders* | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tenders ġew evalwati. Dak tal-Parks and Gardens intefa' minn Progressive Solutions Ltd għal €47,800. Dak tal-ġbir tal-iskart intefa' minn Salvu Mifsud u Wilson Mifsud. Dan tal-aħħar intrebaħ minn Salvu Mifsud għal €117,187.20 | Sindku / Segretarju Eżekutiv |
| 12 | 2 | 13 | 11.11.12 | Sindku: L-ewwel żwieġ fil-Kunsill | Is-Sindku qalet li dan iż-żwieġ sar u kollox mar kif pjanat. | Sindku |

**12 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/18. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 1 | | Laqgħa Plenarja | Għall-din il-laqgħa attendiet Agius u fost l-oħrajn ġie diskuss l-*Organic Waste,* il-ħaddiema bl-iskema u l-bereġ kif ukoll saru *workshops* dwar il-*white paper* tal-Kunsilli Lokali. | |
| 12 | 3 | 2 | 21 | PA: Dar tal-Anzjani | Il-Kunsill jaqbel mal-proġett pero mhux mal-post fejn qed jiġi propost. Dan minħabba li l-proposta qeda fuq art agrikola u ser tiġi ostakulata d-daħla taż-Żejtun. | |
| 12 | 3 | 3 | 22 | PA/09074/18 | Il-Kunsill ser ikun qed iressaq il-proposti tiegħu sabiex jinżamm il-karattru tal-lokal. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 3 | 4 | 27 | PA/06138/18 | Il-Kunsill ser iressaq l-oġġezzjonijiet sabiex ma jsirux il-guvi tal-ħamiem. | |
| 12 | 3 | 5 | 30 | Stephen Ellul | Il-Kunsill ser ikun qed jgħaddi l-oġġezzjoni lill-PA dwar dan l-iżvilupp. | |
| 12 | 3 | 6 | 34 | Anton Aquilina | Il-Kunsill ma jaqbillx mat-tibdil fl-isem tat-Triq peress li diġa hemm triq li l-isem jixxiebah ħafna u zgur li jkun hemm taħwid fil-posta. | |
| **12.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| **12.** | **5.** | | | **Kont Bankarju APS** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12 | 5 | 1 | | | Hemm referenza iktar il-quddiem f'dawn il-minuti | |
| **12.** | **6.** | | | ***Xogħolijiet*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 12 | 6 | 1 | | Sindku | Is-Sindku infurmat il-Kunsill li x-xogħolijiet li tlestew huma Sqaq il-Mitħna, parti minn Triq Xrobb l-Għaġin. Il-parti l-oħra għaddiet f'idejn il-WSC sabiex issa minbarra t-tarmak ser ikunu qed isiru s-servizzi kollha . Ġnien il-Qawsalla kważi lest u daqt jibda xogħol fuq Ġnien l-Għannejja Żweieten. Parti mill-fondi ġejjien mill-Green Infrastructure u mill-*Urban Improvement Fund.* | Sindku |
| **12.** | **7.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/18 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | Talbiet għal Xiri Seduta 12/18 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | Petty Cash - Ottubru 2018 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju u Lulju hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €232.35 .<br>Ġie maqbul ukoll li jiġi approvat pagament lill-Svetlick Flores għall-ammont ta' €150 peress li ma tnizzilx mall-lista ta' pagamenti. | Segretarju Eżekuttiv |
| **12** | **8** | | | **Affarijiet oħra; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 12 | 8 | 7 | | Camilleri D: Festin fid-Dar tal-Anzajni | Camilleri D qalet li sar festin fejn ġew mistiedna iċ-*Chamber Brass Band* filwaqt li l-festin sar minn Care Malta. | Camilleri D |
| 12 | 8 | 8 | | Camilleri D: Jum Dinji għall-Persuni b'Diżabillita' | Camilleri D qalet li fit-3 ta' Diċembru ser jiġi ċelebrat il-Jum Dinji tal-Persuni b'Diżabilita' b'quddiesa u bibita. | Camilleri D |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 8 | 9 | Chircop: Kunċert Milied | Chircop informa lill-Kunsill li inqalgħet problema u ser ikollu jmxxi l-kunċert għall-5 ta' Jannar 2019 b'mistiedna jkunu l-Joy Gospel Choir fejn ukoll jingħata l-Premju Karlo Diacono lill-bandisti tas-sena tat-tlett Għaqdiet, Għaqda Mużikali Beland, Għaqda Banda Żejtun u għall-ewwel darba liċ-Circolo Muzikali Santa Katarina. | Chircop |
| 12 | 8 | 10 | Chircop: Sett bolol | Chircop informa lill-Kunsill li t-tielet sett tal-bolol ser jinħarġu fis-7 ta' Diċembru li ser jinkludu niċeċ. | Chircop |
| 12 | 8 | 11 | Chircop: Sehem fil-*Maltex Exhebition* | Chircop qal li l-Grupp tal-Filatelija ħa sehem fil-wirja li saret fil-każin Malti. | Chircop |
| 12 | 8 | 12 | Chircop: Kompetizzjoni tat-tiżijin tal-Milied | Chircop informa lill-Kunsill li daqt jinħarġu l-applikazzjonijiet għal din il-kompetizzjoni. | Chircop |
| 12 | 8 | 13 | Chircop: Inventarju tal-kotba tal-librerija tal-Kunsill | Chircop qal li beda xogħol biex isir inventarju tal-kotba li hemm fil-librerija tal-Kunsill. | Chircop |
| 12 | 8 | 14 | Chircop: Itinerarju taż-Żejtun biex jiġi rriklamat għat-turisti | Chircop qal li hu flimkien mal-Viċi-Sindku kellhom laqgħa ma' *Tour Operator* u ġew mitkellma tlett *tours,* Medieval Żejtun, *Gost Tour* u *General Tour*. Tkellmu ukoll mal-każini biex jagħtu s-sehem tagħhom. | Chircop |
| 12 | 8 | 15 | Chircop: Proġetti tas-SOK | Chircop informa lill-Kunsill li l-grupp ŻOEY ser jieħdu sehem fil-fiera tal-NGO's fil-21 u 22 ta' Novembru li ser issir fil-*Higher Secondary* u qal li studenti jistgħu jagħmlu l-proġett tas-*SOK*. | Chircop |
| 12 | 8 | 16 | Chircop: Zebra Crossing fi Vjal 25 ta' Novembru | Chircop resaq proposta li kif qed tiġi pjanata t-triq għandha tiġi kunsidrata li ssir *zebra crossing.* | Chircop |
| 12 | 8 | 17 | Caruana: Bozoz ġodda fi triq Ħal Tarxien | Caruana għadda proposta li jsiru tlett bozoz ġodda. Kien hemm qbil dwar dan. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-kunsilliera li l-proposti għandhom l-ewwel jgħaddu l-Kunsill u wara jittellgħu fuq il-midja soċjali u mhux bil-kontra. | Chircop |
| 12 | 8 | 18 | Caruana: *Car sharing* | Caruana staqsa jekk ġejniex ikonsultati dwar il-parkeġġi. Is-Sindku qalet li ġejna ikkonsultati u issa ser naraw kif dan il-proġett ser ikun qed jaħdem. | Caruana |
| 12 | 8 | 19 | Agius: Tqassim ta' boroż | Agius qalet li ser jibda t-tqassim tal-boroż bieb bieb. | Agius |
| 12 | 8 | 20 | Agius: Injezzjoni kontra l-influwenza | Agius qalet li fil-21 u t-22 ta' Novembru ser jingħataw l-injezzjonijiet kontra l-influwenza. | Agius |
| 12 | 8 | 21 | Agius: Proġetti tas-SOK | Agius qalet li studenti jistgħu jagħmlu l-proġett tal-SOK mal-Kids Club. | Agius |
| | | | Agius: Halloween Event | Agius qalet li t-tfal ttieħdu jduru mat-toroq kif ukoll żaru l-anzjani. | Agius |
| 12 | 8 | 22 | Agius: Jum it-tfal | Agius infurmat lill-Kunsill li fl-24 ta' Novembru ser issir attivita' fejn ser jittieħdu jaraw film il-Belt Valletta u jibqgħu ghall-Żigużajg. | Agius |
| 12 | 8 | 23 | Agius: Pantomima | Agius infurmat lill-Kunsill li l-Pantomima din is-sena ser issir fit-28 u d-29 ta' Diċembru fis-Sala tal-Iskola Primarja B. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 8 | 24 | Agius: *Party tal-Milied* | Agius qalet li l-party din is-sena ser isir fil-31 ta' Diċembru. | Agius |
| 12 | 8 | 25 | Agius: Attivita' għal Betlehem f'Għajnsielem | Agius infurmat lill-Kunsill li l-ħarġa għal-Għawdex ser issir fil-5 ta' Jannar. | Agius |
| 12 | 8 | 26 | Agius: Quddiesa fl-ewwel anniversarju tal-ex Sindku Joe Attard | Agius infurmat lill-Kunsill li ser issir quddiesa fis-17 ta' Novembru fis-6:30pm, fl-ewwel anniversarju tal-ex Sindku Joe Attard fil-parroċċa. | Agius |
| 12 | 8 | 27 | Viċi-Sindku: Tagħlim kif issuq ir-rota | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isiru tlett sezzjonijiet ta' taħriġ fejn ser jiġu mgħallma kif għandha tinstaq ir-rota. Dan ser isir b'kollaborazzjoni ma' Next Bike f'Misraħ is-Suq. | Viċi-Sindku |
| 12 | 8 | 28 | Viċi-Sindku: *Cleanup day* | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser issir ġurnata ta'tindif f'Ġebel San Martin fl-24 ta' Novembru. Ser jiġu mistiedna t-tfal tal-iskola. | Viċi-Sindku |
| 12 | 8 | 29 | Viċi-Sindku: Dekorazzjonijiet tal-Milied | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ser isiru dekorazzjonijiet fi Triq Ġużeppina Curmi minn materjal riċiklatt. | Viċi-Sindku |

**12 9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-9:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar It-Tnejn, 10 ta' Diċembru 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv